MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 378/2012

**Michael Attard Ltd (C-32362)**
**Vs**
**Dilo Ahmed Osman (K.I. 5328M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elfejn erbgħa mija tmienja u sebghin ewro u hamsin centezmu rapprezentanti import ta’ tnax-il (12) kambjala, skaduti, accettati u ffirmati mid-debitur;  bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-18 ta’ Gunju, 2013 mill-Avukat Dott. Reuben Farrugia w l-fatt li l-konvenut naqas li

jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova ‘l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont is-somma ta’ elfejn erbgħa mija tmienja u sebghin ewro u hamsin centezmu u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------